**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Jannar, 2022**

**Rikors Nru: 589/2021**

***L-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores u l-P.L. Davinia Sullivan bħala Kuraturi Deputati biex jidhru għal wirt battàl ta' Salvatore Grima***

***vs.***

***Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, Anthony Brincat, Rita Brincat, Dott. Pio Valletta u l-P.L. Gerald Bonello***

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar talba tal-konvenut Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex din il-qorti tagħtih aktar żmien biex iressaq ir-risposta tiegħu għall-kawża ta' ritassa mnedija mill-atturi l-avukat Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Sullivan;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fl-**<u>4 ta' Ottubru, 2021</u>**, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali talab għal aktar żmien biex jippreżenta r-risposta tiegħu għall-kawża ta' ritassa li tressqet mill-atturi l-avukat Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Sullivan. Ir-

Reġistratur konvenut iġġustifika din it-talba tiegħu għaliex jgħid li bi żvista huwa ma tax kont għar-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri;

3. Il-konvenuti l-oħra, jiġifieri, Anthony Brincat, Rita Brincat, l-avukat Pio Valletta u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello ddikjaraw waqt is-seduta tat-**22 ta' Novembru, 2021**, permezz tal-avukat tagħhom, li huma kienu qegħdin iħallu f'idejn il-qorti dwar kif għandu jiġi deċiż dan ir-rikors tar-Reġistratur konvenut;

4. Mill-banda l-oħra l-atturi, jiġifieri, l-avukat Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Sullivan wieġbu bil-miktub fit-**30 ta' Novembru, 2021**, fejn oġġezzjonaw għal din it-talba;

***Fatti***

5. Fis-16 ta' Ġunju, 2021, l-avukat Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Sullivan ressqu kawża taħt l-**artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jattakkaw taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji maħruġa mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali;

6. B'digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju, 2021, din il-qorti ordnat li dan ir-rikors għandu jiġi notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali. Fl-istess digriet, il-qorti indikat li r-Reġistratur kellu żmien ta' għoxrin jum min-notifika biex jekk irid idaħħal risposta skont l-**artikolu 64(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ġie notifikat fit-22 ta' Lulju, 2021, kif jidher mir-riferta li tinsab f'paġna 8 tal-atti. L-ebda risposta iżda ma ġiet preżentata min-naħa tiegħu;

8. Imbagħad fl-4 ta' Ottubru 2021, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali ressaq dan ir-rikors li qiegħed jiġi deċiż illum;

***Konsiderazzjonijiet***

9. Il-qorti tqis li skont l-**artikolu 106 tal-Liġijiet ta' Malta** hija għandha s-setgħa li ġġedded żmien legali jew ġudizzjarju: (i) meta dan iż-żmien ma jkunx wieħed perentorju; (ii) meta t-talba għat-tiġdid issir qabel ma jkun laħaq għalaq iż-żmien mogħti fil-liġi jew mill-qorti; u (iii) meta tinġieb raġuni tajba għaliex hemm bżonn għal dak it-tiġdid. Dawn it-tliet elementi kollha jridu jiġu ppruvati sabiex il-qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-estensjoni taż-żmien. Ifisser għalhekk, li anke jekk imqar wieħed minnhom ma jkunx sodisfatt, il-qorti għandha tiċħad it-talba għat-tiġdid tat-terminu;

10. L-ewwel element li jrid jiġi mistħarreġ huwa jekk it-terminu legali jew ġudizzjarju li qed jintalab li jiġi mġedded mir-Reġistratur konvenut huwiex wieħed perentorju. Perentorju tfisser żmien li ma jistax jiġi mġedded lanqas mill-qorti għaliex huwa terminu li huwa impost bil-liġi. Dwar dan l-aspett, ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019,

> *«Li termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku (App. Inf. PS 6.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Kenneth Abela vs Aplan Limited et****), u jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal (App. Inf. PS 12.12.2007 fil-kawża fl-ismijiet* ***Salina Wharf Marketing Ltd vs Malta Tourism Authorit****y u App. Inf. PS 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet* ***Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd****). Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jittawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (App. Inf. (RRB) 21.3.1997 fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuseppe Caruana vs Charles Psaila*** *(mhix pubblikata)).»*

11. Illi fil-każ tagħna t-terminu li r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunal jrid li jiġi mtawwal huwa wieħed li joħroġ mill-**artikolu 64(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta'**

**Malta**. Skont dan l-artikolu, min jirċievi kopja ta' kawża li biha tkun qiegħda tiġi attakkata t-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji għandu żmien ta' għoxrin jum biex jippreżenta risposta;

12. Darba li l-liġi timponi terminu għall-preżentata ta' att ġudizzjarju dak it-terminu huwa meqjus bħala wieħed ta' ordni pubbliku, li la jista' jiġi rinunzjat u wisq aktar imtawwal. Kif tajjeb imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti)*** deċiża fl-24 ta' April, 2015, «*Hawn mhux qed nitkellmu fuq terminu ta' preskrizzjoni marbut ma' eżerċizzju ta' dritt, iżda ma' terminu marbut ma' eżerċizzju ta' rimedju konċess bil-liġi, u dak ir-rimedju jrid jiġi eżerċitat fi żmien li timponi l-liġi, u mhux meta jrid dak li jkun*»;

13. Għalhekk meta ma jiġix imħares terminu ffissat mil-liġi ma tistax issir is-sanatorja (ara ***Joseph Camilleri et v. Angelo Abela et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2007);

14. Imħaddem dan kollu għall-każ li għandna quddiemna, il-qorti tħoss li hija għandha idejha marbutin, b'dana li hija ma tistax anke kieku trid, ittawwal it-terminu ta' għoxrin jum mogħti bil-liġi biex ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jdaħħal ir-risposta tiegħu. Jekk ir-Reġistratur konvenut ried iwieġeb għal din il-kawża ta' ritrassa, huwa kellu jdaħħal it-tweġiba tiegħu fit-terminu li kienet tagħtih il-liġi. Tassew ir-Reġistratur konvenut ma jistax jitlob lill-qorti biex tagħlaq għajnejha u tħallih iressaq risposta wara li għaddew l-għoxrin jum min-notifika tiegħu għaliex il-qorti ma tistax tmur kontra dak li tgħid il-liġi;

15. Billi għalhekk it-terminu ta' għoxrin jum imsemmi fl-**artikolu 64(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa wieħed ta' għamla perentorja, din il-qorti ma tistax tinqeda bl-**artikolu 106 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex ittawwal iż-żmien għall-preżentata tar-risposta;

16. La l-ewwel element imsemmi aktar kmieni ma jinsabx sodisfatt, il-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tistħarreġ iż-żewġ elementi l-oħra. Għalkemm irid jingħad li t-tieni element huwa manifestament nieqes ukoll għaliex it-talba tar-Reġistratur konvenut għat-tiġdid tat-terminu ma saritx qabel ma laħaq għalaq iż-żmien ta' għoxrin jum iżda saret saħanistra madwar xahrejn wara li kienu għaddew dawn l-għoxrin jum;

17. Hekk ukoll, din il-qorti lanqas ma tista' tuża' d-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jitkellmu dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għaliex dawk id-dispożizzjonijiet jgħoddu biss għar-risposta maħlufa f'kawża mibdija b'rikors maħluf. Ħaġa li m'għandnix hawnhekk;

18. Fuq kollox, il-qorti ma tqisx bħala waħda fejjieda r-raġuni miġjuba mir-Reġistratur konvenut għala huwa għandu jingħata aktar żmien biex iressaq risposta. Mhijiex skuża tajba għar-Reġistratur li jgħid li huwa ma weġibx għaliex «*bi svista l-esponent ma ġiex a konjizzjoni tan-notifika tar-rikors*»;

19. Ir-Reġistratur konvenut ġie notifikat fit-22 ta' Lulju, 2021, kif jidher mir-riferta li tinsab f'paġna 8 tal-atti u għalhekk huwa ma jistax jgħid li ma rċevix l-atti. Issa jekk ir-Reġistratur konvenut irċieva l-atti u ma ħax ħsieb jaġixxi fuqhom, dan huwa biss ħtija tiegħu għaliex kien jaqa' fid-dmir tiegħu li jara x'atti laqa' għandu. Bħala Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali huwa jmissu jaf aktar dwar l-importanza ta' atti ġudizzjarji u dwar x'jiġri jekk wieħed jagħżel li ma jagħmel xejn fuq l-atti ġudizzjarji li jkun irċieva;

20. Huwa prinċipju magħruf fil-liġi li ħadd ma jista' jqanqal in-nuqqasijiet tiegħu biex jipprova jirranġa s-sitwazzjoni li jkun ġab b'idejh stess għaliex *nemo auditur propriam turpitudinem allegans*;

21. Tħares minn fejn tħares għalhekk it-talba tar-Reġistratur konvenut biex jitħalla jressaq risposta wara li għadda t-terminu ta' għoxrin jum imsemmi fl-**artikolu 64(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jistħoqqilhiex illi tintlaqa';

*Deċiżjoni*

**Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali mressqa fir-rikors tal-4 ta' Ottubru, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**